ISSN 1831-0257

European Union Agency for Fundamental Rights
Agentur der Europäischen Union für Grundrechte
Agence des droits fondamentaux de l'Union européenne

# Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

# RAPPORT ANNWALI

## Sinteżi



2008

European Union Agency for Fundamental Rights
Agentur der Europäischen Union für Grundrechte
Agence des droits fondamentaux de l'Union européenne

# Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

# RAPPORT ANNWALI

## Sinteżi

## 2008

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2009

ISBN 978-92-9192-255-0

© Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2009
L-ikkupjar huwa awtorizzat, ħlief għal finijiet kummerċjali, bil-kundizzjoni li jissemma s-sors.

*Printed in Belgium*

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur

# Daħla

Ir-Rapport Annwali 2008 huwa l-ewwel Rapport Annwali li qiegħed isir taħt il-bażi legali u l-mandat tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (FRA), u l-ewwel wieħed li qiegħed jiġi ppubblikat taħt id-direzzjoni ta' Morten Kjærum, li ngħaqad mal-FRA bħala Direttur fl-1 ta' Ġunju 2008.

L-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE nbniet fuq iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC). Hija tkompli x-xogħol tal-EUMC fil-qasam tar-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranzi relatati, iżda fil-kuntest tal-mandat ferm usa' tal-FRA. L-oqsma tematiċi ġodda tal-operazzjoni tal-FRA ġew stabbiliti fil-Qafas Multiannwali tal-Aġenzija (MAF), adottat mill-Kunsill tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni tal-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Frar 2008. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tfisser li l-Aġenzija issa se taħdem fl-oqsma li ġejjin:

a) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranzi relatati;

b) id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, disabilità, età jew orjentazzjoni sesswali u kontra persuni li jagħmlu parti minn minoritajiet u kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla);

c) il-kumpens lill-vittmi;

d) id-drittijiet tal-ulied, inkluż il-protezzjoni tat-tfal;

e) l-ażil, l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-immigranti;

f) il-viża u l-kontroll tal-fruntieri;

g) il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-funzjoni demokratika tal-Unjoni;

h) is-soċjetà tal-informatika u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali; u

i) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti.

Għalhekk, ir-Rapport Annwali ta' din is-sena huwa l-aħħar wieħed li se jiffoka biss fuq il-qasam tematiku tar-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranzi relatati, u huwa bbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-istrutturi tar-rappurtar stabbiliti mill-EUMC. Ir-Rapporti Annwali tas-snin li ġejjin se jkollhom ambitu ferm usa' u se jkunu bbażati fuq strutturi ġodda tar-rappurtar u jkopru l-medda ta' kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali li jaqgħu fl-oqsma varji tal-attività tal-FRA.

Fl-istess ħin, il-FRA se tkompli x-xogħol tal-EUMC, jiġifieri li tipprovdi appoġġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha fl-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni.

Ir-Rapport Annwali 2008 l-ewwel jeżamina l-iżviluppi legali u l-inizjattivi istituzzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-Ewropa, u jiffoka fuq l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Wara jkopri l-iżviluppi fil-qasam tal-vjolenza u r-reati razzisti fl-Istati Membri tal-UE, u wara jkompli jiffoka fuq il-kwistjonijiet dwar ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni f'erba' oqsma tal-ħajja soċjali: l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. L-aħħar kapitolu tematiku jkopri żviluppi fuq il-livell tal-UE relevanti fil-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri tal-UE.

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Bord ta' Tmexxija tal-FRA għall-appoġġ tiegħu fil-produzzjoni tar-Rapport Annwali u lill-persunal tal-FRA u lill-Aġent-Direttur għas-sena li għaddiet, Constantinos Manolopoulos, għall-impenn tagħhom u x-xogħol iebes tagħhom tul sena diffiċli ta' transizzjoni.

Anastasia Crickley,
Chairperson tal-Bord ta' Tmexxija

Morten Kjærum,
Direttur tal-FRA

# Werrej tal-Kontenut

**Daħla** **3**

**1. Introduzzjoni** **6**
1.1 L-inklużjoni tal-kura tas-saħħa 7
1.2 Kjarifika tat-termini 8

**2. Inizjattivi legali u istituzzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni** **9**

**3. Vjolenza u reati razzisti** **11**

**4. Razziżmu u diskriminazzjoni f'oqsma tal-ħajja soċjali u inizjattivi għall-prevenzjoni tagħhom** **13**
4.1 Impjieg 13
4.2 Akkomodazzjoni 14
4.3 Edukazzjoni 14
4.4 Saħħa 15

**5. Konklużjonijiet** **17**
5.1 Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali 17
5.2 Evidenza rigward diskriminazzjoni 19
5.3 Differenzi fl-Istati Membri 22
5.4 Saħħa u diskriminazzjoni 23
5.5 Eżempji ta' tendenzi u żviluppi 24
5.6 Ġbir ta' dejta u riċerka mill-FRA 25

**6. Opinjonijiet** **27**
6.1 Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali 27
6.2 Vjolenza u reati razzisti 28
6.3 Riċerka u qawmien ta' għarfien 28
6.4 Sanzjonijiet u lmenti 28
6.5 Taħriġ kontra d-diskriminazzjoni 29
6.6 Akkomodazzjoni 29
6.7 Edukazzjoni 29
6.8 Ġbir ta' dejta fl-edukazzjoni 30
6.9 Ġbir ta' dejta fil-kura tas-saħħa 30
6.10 Kura tas-saħħa sensittiva għall-immigranti u l-minoritajiet 30

# 1. Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali 2008 tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (FRA) ikopri informazzjoni, avvenimenti u żviluppi fi kwistjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija fl-UE għas-sena 2007. Ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali bħala s-suċċessur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. Għalhekk, dan huwa l-ewwel Rapport Annwali magħmul abbażi tal-bażi legali u l-mandat tal-FRA[1]. Ir-rapport ikopri oqsma simili bħal dawk ta' Rapporti Annwali tal-EUMC preċedenti, iżda bi struttura kemmxejn differenti, u b'qasam tematiku wieħed ġdid, il-kura tas-saħħa.

Ir-rapport jibda b'ħarsa ġenerali tal-inizjattivi legali u istituzzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Il-kapitolu li jmiss ikopri l-vjolenza u r-reati razzisti, u dan huwa segwit minn erba' kapitoli li jkopru oqsma differenti tal-ħajja soċjali - l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Il-kapitolu tematiku finali jħares lejn l-iżviluppi fil-politika u l-leġiżlazzjoni relevanti fil-qlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea minflok fuq il-livell ta' Stat Membru.

Matul il-perjodu tar-rappurtar, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma adotta l-ebda Qafas Multiannwali[2] għall-Aġenzija. Għalhekk, skont l-Artikolu 29/5 tar-Regolament tal-Kunsill 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007, l-Aġenzija kompliet twettaq il-kompiti tagħha fl-oqsma tematiċi fil-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata, sal-adozzjoni tal-ewwel Qafas Multiannwali tal-FRA fi Frar 2008.

Il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE li tindirizza d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-razziżmu u l-ksenofobija hija d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Għalhekk, l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali bażikament tifforma waħda mit-temi ewlenin għar-Rapport Annwali kollu, b'diversi kapitoli li jipprovdu dettalji tal-impatt tagħha, informazzjoni dwar kif u għaliex tintuża jew ma tintużax, kif ukoll eżempji u każijiet ġodda ta' problemi ta' diskriminazzjoni f'diversi oqsma tal-ħajja soċjali li jservu biex juru l-bżonn kontinwu għad-direttiva.

Minbarra l-oqsma speċifikati mill-Qafas Multiannwali, skont l-Artikolu 5.3. tar-Regolament, l-Aġenzija hija meħtieġa twieġeb ukoll għal: 'talbiet mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(1)(c) u (d) barra dawn l-oqsma tematiċi, sakemm jippermettu r-riżorsi finanzarji u umani tagħha'. B'referenza għal dan l-Artikolu, f'Ġunju 2007, il-Parlament Ewropew talab lill-Aġenzija biex tiżviluppa rapport komprensiv dwar l-omofobija u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, f'Lulju 2007, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Aġenzija tiżviluppa indikaturi għall-kejl ta' kif huma implimentati, protetti, rispettati u pro-

1 Ir-Rapport tal-FRA tal-2007, għalkemm ippubblikat lejn l-aħħar tal-2007 taħt il-lowgo tal-FRA, ma kienx fil-fatt Rapport Annwali tal-FRA iżda kien prodott abbażi tal-bażi legali u l-mandat tal-EUMC.

2 Il-Qafas Multiannwali jispeċifika l-oqsma ta' ħidma tal-FRA għall-ħames snin li ġejjin.

mossi d-drittijiet tat-tfal fl-Istati Membri tal-UE, u biex tintraċċa r-riżorsi tad-dejta disponibbli fuq livell nazzjonali u tal-UE. Dawn iż-żewġ proġetti bdew fl-aħħar tal-2007 u ser isir rapportar fuqhom f'rapporti futuri tal-FRA.

## 1.1 L-inklużjoni tal-kura tas-saħħa

Din hija l-ewwel darba li s-suġġett tal-kura tas-saħħa ġie inkluż f'Rapport Annwali. Wara informazzjoni pprovduta mill-Punti Fokali Nazzjonali tar-RAXEN tal-Aġenzija, kif ukoll minn rapporti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, u minn riċerka xjentifika dwar id-diskrimazzjoni fuq il-bażi tar-razza, etniċità u reliġjon fl-aċċess u l-użu ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri, fl-2007 l-Aġenzija ddeċidiet li tinkludi dan il-qasam importanti tal-ħajja soċjali fil-ġbir tad-dejta u fl-istrutturi tar-rappurtar tagħha. Minħabba li din hija l-ewwel darba li dan il-qasam qiegħed jiġi eżaminat, ġiet inkluża dejta u informazzjoni minn snin preċedenti biex tipprovdi kuntest aħjar għall-fehim tal-informazzjoni.

L-Artikolu 152 (4) tat-trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej jiddikjara li fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Komunità, għandu jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa. L-Unjoni Ewropea taqsam il-kompetenza fil-qasam tas-saħħa. Dan ifisser li filwaqt li l-UE tista' tistabbilixxi għanijiet komuni, l-Istati Membri huma liberi li jilħqu dawn l-għanijiet permezz ta' politiki tal-għażla tagħhom. F'dan ir-rigward, valur ewlieni u għan tal-UE huwa t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa u, konsegwentament, l-Istati Membri huma mistennija li jintroduċu l-politiki u l-miżuri meħtieġa biex jilħqu dan, fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'Ġunju 2006, il-Ministri tas-Saħħa tal-Istati Membri tal-UE adottaw valuri u prinċipji komuni bħala gwida għas-sistemi tas-saħħa tal-UE, u enfasizzaw li t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa għandu jkun wieħed mill-għanijiet tas-sistemi tas-saħħa[3].

B'mod konsistenti ma' dan ta' hawn fuq, il-FRA ma tadottax metodu wiesa' biex tkopri l-medda ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa, l-etniċità u l-immigrazzjoni, iżda tikkonċentra primarjament fuq il-problema tad-diskriminazzjoni u l-esklużjoni, bħala parti mill-mandat ġenerali tagħha li tiffoka fuq kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni razzjali u etnika fl-Istati Membri tal-UE. B'konformità ma' dan, it-taqsima l-ġdida dwar il-kura tas-saħħa fir-Rapport Annwali 2008 tikkonċentra l-aktar fuq kwistjonijiet bħal ostakoli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-immigranti u l-minoritajiet, jew id-diskriminazzjoni f'aspetti ta' trattament. Tħares ukoll lejn eżempji ta' inizjattivi pożittivi bil-għan li tiġġieled id-diskriminazzjoni fl-aċċess għal u fil-provvista tal-kura tas-saħħa, inklużi politiki immirati lejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa biex jippromwovu s-sensittività kulturali b'mod attiv fil-provvista tas-servizz tas-saħħa.

3 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2006) *Conclusions on Common values and principles in European Union Health Systems* (Konklużjonijiet dwar il-valuri u l-prinċipji Komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea) (2006/C 146/01), disponibbli minn http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/c_146/c_14620060622en00010003.pdf (06.01.2008).

## 1.2 Kjarifika tat-termini

M'hemmx definizzjoni komuni uffiċjali għal immigranti jew għal minoritajiet etniċi/nazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk, it-termini 'immigranti u minoritajiet' jintużaw fir-Rapport Annwali kollu bħala termini fil-qosor biex jirreferu għal dawk il-gruppi soċjali fl-UE li huma potenzjalment vulnerabbli għal esperjenzi ta' razziżmu, ksenofobija, u diskriminazzjoni razzjali/etnika. F'dan il-kuntest it-terminu jkopri bl-aktar mod komuni l-immigranti u r-refuġjati tal-ewwel ġenerazzjoni, kif ukoll nies ta' oriġini immigranta fil-ġenerazzjonijiet sussegwenti, anke jekk għandhom iċ-ċittadinanza tal-pajjiż tar-residenza tagħhom (f'xi pajjiżi koperti wkoll bit-terminu 'minoritajiet etniċi'), u gruppi bħar-Roma, Sinti u Vjaġġaturi.

# 2. Inizjattivi legali u istituzzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni

L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali fl-Istati Membri għadha ma ntemmitx. F'Ġunju 2007, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li bagħtet talbiet formali lil 14-il Stat Membru biex jimplimentaw id-direttiva b'mod sħiħ[4]. Il-pajjiżi kkonċernati kellhom xahrejn żmien biex iwieġbu; fin-nuqqas ta' dan il-Kummissjoni setgħet ittellagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tagħmel mandatarju li jkun hemm sanzjonijiet effettivi, diswassivi u proporzjonati bħala risposta għad-diskriminazzjoni etnika jew razzjali. Sanzjonijiet u/jew premjijiet relatati ma' każijiet ta' diskriminazzjoni etnika jew razzjali setgħu jinstabu fi 15-il Stat Membru matul l-2006-2007. Ir-Renju Unit għandu l-aktar leġiżlazzjoni applikata b'mod effettiv fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika fl-UE. Statistiċi disponibbli juru li r-Renju Unit qiegħed fl-ewwel post kemm fir-rigward tal-ammont annwali ta' sanzjonijiet kif ukoll fir-rigward tal-medda ta' sanzjonijiet maħruġa fuq każijiet ta' diskriminazzjoni razzjali jew etnika. Ir-Renju Unit ħareġ aktar sanzjonijiet fil-perjodu ta' żmien relevanti mill-Istati Membri l-oħrajn kollha flimkien. Stati Membri tal-UE oħrajn li applikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom b'mod aktar effettiv fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika fl-UE huma: il-Bulgarija, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Finlandja u l-Iżvezja. F'dawn il-pajjiżi, is-sanzjonijiet huma aktar frekwenti u/jew diswassivi mill-bqija tal-UE, għalkemm jibqgħu relattivament skarsi meta mqabblin mar-Renju Unit.

Matul l-2006-2007, ma nstabet ebda sanzjoni u/jew għotja relatata ma' każijiet ta' diskriminazzjoni etnika jew razzjali fi 12-il Stat Membru (ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja). F'ħafna każijiet, in-nuqqas ta' sanzjonijiet jikkoinċidi man-nuqqas ta' korp effettiv tal-ugwaljanza. Raġuni oħra għan-nuqqas ta' sanzjonijiet hija dovuta għar-rwol partikolari tal-korpi tal-ugwaljanza. Is-sanzjonijiet huma neqsin jew rari f'pajjiżi fejn il-korpi tal-ugwaljanza ma jappoġġjawx lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fi proċeduri li jwasslu għal sanzjonijiet, jew m'għandhomx is-setgħa li joħorġu sanzjonijiet huma stess, jew għal xi raġuni, ma jużawx din is-setgħa.

Huwa minnu li l-livell baxx ta' sanzjonijiet li qed ikun applikat mhux bil-fors jirrifletti l-fatt li l-problemi mhumiex qegħdin jiġu indirizzati. Per eżempju, fejn hemm aktar tradizzjoni ta' konsensus fir-relazzjonijiet industrijali, huwa mistenni li l-każijiet jissolvew qabel ma jaslu għal stadju ta' każ quddiem il-qorti. Madankollu, żvantaġġ wieħed b'dan l-approċċ huwa li t-theddida b'sanzjonijiet titnaqqas, u dawn normalment jidhru kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni ta' negozjar tal-vittmi

4 Stqarrija għall-istampa IP/07/928 tas-27 ta' Ġunju 2007, http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/07/928&format=HTML&aged=1&language=EN&guiLanguage=en (12.11.2007).

ta' diskriminazzjoni. Hemm ukoll telf fil-funzjoni edukattiva ta' sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali u fost min iħaddem, li joriġina mit-theddida u mill-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kredibbli u diswassivi.

F'xi pajjiżi, l-iskarsezza relattiva tas-sanzjonijiet għandha raġunijiet strutturali. Din ta' sikwit hija relatata mar-rwol limitat tal-korp tal-ugwaljanza fl-assistenza u fl-appoġġ tal-vittmi fi proċeduri li jwasslu għal sanzjonijiet. Raġuni strutturali oħra għall-iskarsezza relattiva tas-sanzjonijiet huwa r-rwol tal-liġi kriminali fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika. Simbolikament, il-liġi kriminali hija l-aktar strument importanti li kull stat jista' juża fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika. Madankollu, fil-prattika, il-liġi kriminali twassal sabiex jiġu applikati inqas sanzjonijiet: it-trasferiment tal-piż tal-evidenza stipulat mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali ma japplikax, ir-responsabbiltà kriminali f'każijiet ta' diskriminazzjoni tiddependi l-aktar fuq intenzjoni diskriminatorja u l-vittma tad-diskriminazzjoni għandha kontroll limitat fuq il-proċedura kriminali, li normalment taqa' f'idejn is-servizzi tal-prosekuzzjoni. Għalhekk, l-Istati li jiddependu l-aktar jew esklussivament fuq il-liġi kriminali, b'mod ġenerali, huma kkaratterizzati bi ftit sanzjonijiet jekk mhux b'ebda sanzjoni, anki jekk dawn is-sanzjonijiet jistgħu jkunu diswassivi.

Fil-pajjiżi li ġejjin, l-evidenza disponibbli tissuġġerixxi li xi korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tad-diskriminazzjoni etnika jew razzjali m'għandhomx l-effikaċja mixtieqa: l-Estonja, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja. Ma nstabx korp tal-ugwaljanza operattiv fil-qasam tad-diskriminazzjoni etnika jew razzjali fir-Repubblika Ċeka, Spanja u fil-Lussemburgu.

# 3. Vjolenza u reati razzisti

Ir-Rapport Annwali 2008 jipprovdi stampa simili għal dik tas-snin preċedenti ta' tendenza dejjem tiżdied ta' reati razzisti rreġistrati fil-ġustizzja kriminali; b'mod partikolari:

- Mill-11-il Stat Membru li jiġbru dejta biżżejjed fuq ir-reati razzisti biex iwettqu analiżi tat-tendenzi[5], il-maġġoranza esperjenzaw tendenza ġenerali 'l fuq fir-reati razzisti rreġistrati fil-perjodu 2000-2006 (id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Awstrija [kemm kemm], is-Slovakkja, il-Finlandja, ir-Renju Unit), kif ukoll bejn l-2005 u 2006 (il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Awstrija, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit).

- Minn erba' Stati Membri li jiġbru dejta biżżejjed dwar ir-reati anti-Semitiċi biex issir analiżi tat-tendenzi (Franza, il-Ġermanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit), tlieta esperjenzaw tendenza ġenerali 'l fuq (Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit) bejn l-2001 u l-2006.

- Minn erba' Stati Membri (l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja u l-Iżvezja) li jiġbru dejta biżżejjed dwar reati li l-motiv warajhom ikun faxxiżmu estremista, biex issir analiżi tat-tendenzi, tnejn esperjenzaw tendenza ġenerali 'l fuq (Franza u l-Ġermanja) bejn l-2000 u l-2006.

Billi jirrikonoxxu u jindirizzaw b'mod effettiv il-problema tar-reati razzisti, l-Istati Membri tal-UE jistgħu juru l-kundanna tagħhom għal dawn l-atti u s-solidarjetà tagħhom mal-vittmi. Madankollu, jibqa' l-fatt li ftit li xejn kien hemm titjib fil-mekkaniżmi tal-Istati Membri għar-reġistrazzjoni tar-reati razzisti; jiġifieri:

- F'16 mis-27 Stat Membru tal-UE hemm sempliċement rappurtar kemxejn limitat ta' ftit każijiet il-qorti, jew hemm figuri ġenerali dwar id-diskriminazzjoni li jistgħu jinkludu fihom inċidenti ta' reati razzisti, jew hemm nuqqas assolut ta' kwalunkwe dejta uffiċjali tal-ġustizzja kriminali dwar ir-reati razzisti disponibbli pubblikament. Dawn l-Istati Membri huma: il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja.

- Ir-Renju Unit għandu l-aktar sistema komprensiva għar-reġistrazzjoni tar-reati razzisti fl-UE. Huwa jirreġistra aktar inċidenti u offiżi kriminali rrapportati pubblikament mis-26 Stat Membru l-oħrajn flimkien fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

Bħala riżultat tan-nuqqas kontinwu ta' ġbir sew ta' dejta dwar ir-reati razzisti fil-maġġoranza tal-Istati Membri, ir-rapport ta' din is-sena jikkonkludi li:

5 Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit.

- l-Istati Membri, jew b'rappurtar uffiċjali limitat jew mingħajr ebda rappurtar uffiċjali dwar ir-reati razzisti mhumiex fl-aħjar pożizzjoni biex jiżviluppaw risposti politiċi bbażati fuq l-evidenza għall-problema.

F'dan l-isfond hemm xi żviluppi inkoraġġanti fir-rigward ta' Stati Membri li qed jibdew jirrikonoxxu s-sinifikat tar-reati razzisti bħala marda soċjali. Għal dan il-għan, il-ftehim politiku taħt il-presidenza Ġermaniża tal-UE dwar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija huwa żvilupp pożittiv, li min-naħa tiegħu jeħtieġ li jiġi ikkumplementat b'titjib fil-ġbir tad-dejta għal politika bbażata fuq l-evidenza.

Bħas-snin ta' qabel, hemm problema kontinwa ta' rapporti ta' abbużi mill-infurzar tal-liġi u ta' vjolenza kontra minoritajiet vulnerabbli. Ir-rapport jenfasizza l-fatt li l-maġġoranza tal-Istati Membri m'għandhom ebda awtorità indipendenti speċifika għall-ilmenti lill-pulizija biex tirreġistra u twieġeb għal dawn l-abbużi, minbarra uffiċċji li huma mqabbdin direttament mal-ministeri jew kanali normali għar-reġistrazzjoni ta' lmenti permezz tal-pulizija jew tal-uffiċċji tal-ombudsman. Għal dan il-għan hemm skop konsiderevoli għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-ilmenti lill-pulizija.

F'kuntest ta' żieda fit-tendenzi fir-reati rreġistrati, ir-rapport jista' jenfasizza numru ta' inizjattivi ġodda f'xi Stati Membri fir-rigward ta' sħubiji bejn diversi aġenziji, li jinvolvu lill-pulizija u lill-komunitajiet, li jippruvaw jindirizzaw il-problema. L-aktar importanti fost dawn huma inizjattivi li jiffokaw fuq ir-reati razzisti fl-ambitu usa' ta' 'reati ta' mibegħda'.

# 4. Razziżmu u diskriminazzjoni f'oqsma tal-ħajja soċjali u inizjattivi għall-prevenzjoni tagħhom

## 4.1 Impjieg

Bħas-snin preċedenti, id-dejta u l-informazzjoni pprovduti fl-2007 wrew l-operazzjoni ta' diskriminazzjoni razzjali/etnika diretta u indiretta f'oqsma diversi tal-impjiegi, u indikaw il-manifestazzjonijiet diversi li jistgħu jieħdu, bħal diskriminazzjoni fil-prattiċi tar-reklutaġġ u tkeċċija minħabba nuqqas ta' xogħol, insulti u fastidju fiżiku fuq il-post tax-xogħol, jew inċitament għal diskriminazzjoni minn partijiet terzi. Filwaqt li ħafna mid-diskriminazzjoni taħdem b'mod inviżibbli u tinkixef biss bl-investigazzjoni jew riċerka, f'xi ftit Stati Membri xi wħud jibqgħu jsiru sorprendentament fil-miftuħ, bħal reklami diskriminatorji għal xogħlijiet li jiddikjaraw, per eżempju, li l-barranin jistgħu ma japplikawx.

Kien hemm aktar żviluppi fil-kwistjoni ta' ħwejjeġ u simboli reliġjużi fuq ix-xogħol, li kienu ġeneralment restrittivi, inklużi projbizzjonijiet fuq l-ilbies ta' tali oġġetti minn uffiċjali ċivili f'bosta bliet fil-Belġju, u r-rifjut tal-forza nazzjonali tal-pulizija fl-Irlanda milli tippermetti lis-Sikhs jilbsu turbani bħala parti mill-uniformi tal-pulizija. Madankollu, fil-prattika għad hemm firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet f'dan il-qasam madwar l-Istati Membri kollha.

Ir-rapporti preċedenti tal-FRA/EUMC kienu nnutaw li kienu qegħdin jiġu ppubblikati għadd dejjem ikbar ta' studji ta' riċerka li jiffokaw fuq l-esperjenzi suġġettivi ta' diskriminazzjoni ta' membri ta' gruppi fi ħdan popolazzjonijiet minoritarji. Din is-sena, barra minn hekk, hemm bosta każijiet ta' riċerka dwar gruppi fi ħdan il-popolazzjoni tal-*maġġoranza* - bħal impjegaturi - li ffokaw fuq l-attitudnijiet tagħhom u prattiċi potenzjali ta' diskriminazzjoni kontra minoritajiet.

Ġew irrapportati inizjattivi ta' prevenzjoni li jkopru medda wiesgħa ta' tipi. Kien hemm programmi għal taħriġ u konsulenza ta' minoritajiet esklużi biex dawn ikunu megħjunin fis-suq tax-xogħol, programmi għall-maġġoranza tal-popolazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jew biex iqajmu għarfien kulturali, xi eżempji ta' mentoring u ta' azzjoni pożittiva fir-reklutaġġ, u xi ftit aktar esperimenti b'konformità mal-kuntratti u applikazzjonijiet anonimi għal xogħlijiet. Fl-aħħar, kien hemm għal darb'oħra evidenza li kienu qegħdin jinbtu jew jiġu mħeġġa politiki relattivament ambizzjużi dwar il-ġestjoni tad-diversità, f'aktar Stati Membri.

## 4.2 Akkomodazzjoni

Xi Stati Membri għad mhumiex jiġbru dejta separata skont l-etniċità fil-qasam tal-akkomodazzjoni. Madankollu, il-prova tad-diskriminazzjoni, li twettqet f'bosta pajjiżi tal-UE, huwa metodu li jista' jipprovdi dejta dwar id-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni.

Il-pożizzjoni żvantaġġjuża ta' immigranti u minoritajiet etniċi fir-rigward tal-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità tajba, u bi prezz li jistgħu jilħquh, tenfasizza l-esklużjoni soċjali tagħhom. Akkomodazzjoni pubblika b'kera baxxa huwa mod wieħed kif titreġġa' lura din is-sitwazzjoni. Madankollu, il-kriterji wżati, fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, għall-allokazzjoni tal-akkomodazzjoni pubblika xorta jista' jkollhom dispożizzjonijiet li jiddiskriminaw kontra l-immigranti u l-minoritajiet etniċi.

Roma, Sinti u Vjaġġaturi huma fost l-aktar gruppi vulnerabbli fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni. Minkejja l-miżuri meħudin biex itejbu dawn il-kundizzjonijiet, diskriminazzjoni evidenti, akkomodazzjoni substandard u żgumbramenti sfurzati huma l-karatteristiċi l-aktar sinjifikanti tas-sitwazzjoni tagħhom mal-UE kollha. Barra minn hekk, ir-rifjut jew l-iskansament mill-Istat u minn awtoritajiet oħrajn milli jipprovdu faċilitajiet għal komunità ta' Roma, forma inqas diretta ta' diskriminazzjoni, ġew irrapportati f'bosta Stati Membri.

Fl-aħħarnett, qegħdin jiġu enfasizzati xi prattiċi tajbin. B'mod partikolari, politiki biex iżidu l-ammont ta' akkomodazzjoni għall-immigranti, ir-Roma u gruppi vulnerabbli oħra bi prezz li jista' jintlaħaq minnhom, permezz ta' fondi pubbliċi, jikkostitwixxu b'mod speċjali inizjattivi pożittivi. Għalkemm hemm fis-seħħ leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni mal-UE kollha, hemm bżonn ta' sforz konsistenzi biex jitqajjem għarfien dwar din il-leġiżlazzjoni fost il-kerrejja u l-aġenti tas-suq. Dawn l-isforzi biex jitqajjem għarfien huma riflessi fl-eżempji tal-kodiċi tal-kondotta u l-kampanji ta' informazzjoni li huma msemmija fl-aħħar tat-taqsima tal-akkomodazzjoni fir-Rapport Annwali.

## 4.3 Edukazzjoni

Ir-rapporti tal-FRA/EUMC preċedenti ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li d-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli hija prerekwiżit indispensabbli għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli u żvantaġġjati fl-edukazzjoni. Riċentement dan kien ikkonfermat mill-ġdid mill-istudju tal-prestazzjoni tal-edukazzjoni ta' PISA 2006. Skont PISA 2006, kien hemm assoċjazzjoni pożittiva ferm bejn l-iskejjel li jissorveljaw u jivvalutaw is-suċċessi edukattivi tagħhom u jagħmlu d-dejta dwar is-suċċessi edukattivi pubblika, u studenti li jmorru aħjar fit-testijiet. Madankollu, f'bosta Stati Membri m'hemmx fis-seħħ biżżejjed sistemi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Tkun sfida maġġuri għall-futur biex jingħeleb dan l-ostaklu li jillimita l-oppożizzjoni effettiva għall-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni.

Gruppi vulnerabbli jħabbtu wiċċhom ma' ħafna diffikultajiet fl-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità. Ir-raġunijiet ewlenin huma l-proċeduri diskriminatorji fir-reġistrazzjoni u fl-ittestjar għall-aċċess, l-indisponibbiltà jew l-inaċċessibbiltà ta' faċilitajiet ta' qabel l-iskola, id-distanzi twal għall-iskejjel, u l-biża' li jikxfu l-istat ta' residenza mhux legali tagħhom. It-tfal ta' Roma, Sinti u Vjaġġaturi kif ukoll tfal li jfittxu ażil u immigranti irregolari huma b'mod partikolari affettwati mill-ostakli prattiċi għall-edukazzjoni.

Dejta disponibbli tindika l-fatt li madwar l-Unjoni Ewropea, gruppi minoritarji u ċittadini ta' pajjiżi terzi huma rrappreżentati żżejjed fi skejjel speċjali tal-edukazzjoni primarja u sekondarja, filwaqt li huma rrappreżentati ferm inqas f'edukazzjoni ogħla. Barra minn hekk, gruppi minoritarji u ċittadini barranin, ġeneralment, għandhom probabbiltà akbar li jirrepetu l-klassijiet u jitilqu kmieni mill-iskola. Id-differenzi bejn immigranti u minoritajiet, fuq naħa, u l-popolazzjoni maġġoritarja fuq in-naħa l-oħra huma partikolarment impressjonanti f'dawk il-pajjiżi fejn hemm fis-seħħ sistema tal-intraċċar ta' tluq kmieni mill-iskola. L-istudju tal-prestazzjoni, PISA 2006, jipprovdi spjegazzjoni għal dan. Skont PISA 2006, stratifikazzjoni kmieni ta' studenti f'istituzzjonijiet jew programmi separati għandha impatt partikolarment negattiv fuq il-prestazzjoni ta' studenti żvantaġġjati soċjoekonomikament jew lingwistikament. Dawn is-sistemi edukattivi jikkontribwixxu biex iżidu d-differenza bejn gruppi tal-popolazzjoni aktar privileġġati u dawk inqas privileġġati.

Fl-2007, kompliet l-implimentazzjoni ta' għadd ta' programmi għat-titjib tal-edukazzjoni tat-tfal Roma. Madankollu fl-istess ħin, politiki u prattiċi diskriminatorji kontra r-Roma baqgħu fuq livell għoli ħafna fl-UE. Roma, Sinti u Vjaġġaturi għadhom iħabbtu wiċċhom ma' sistemi edukattivi mhux xierqa li jikkawżaw segregazzjoni u opportunitajiet mhux ugwali. Madankollu, f'Novembru 2007, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qatgħet sentenza importanti fejn ikkundannat lir-Repubblika Ċeka minħabba diskriminazzjoni fis-segregazzjoni edukattiva tagħha ta' tfal Roma.

Minkejja l-liġijiet li jagħtu d-dritt għall-edukazzjoni, fil-prattika dawk li jfittxu l-ażil u immigranti irregolari, f'ħafna Stati Membri għandhom ir-riskju li jkunu esklużi mill-edukazzjoni. Iżda bosta Stati Membri m'għandhomx inizjattivi biex josservaw u jevalwaw is-sitwazzjoni tat-tfal ta' dawk li jkunu qegħdin ifittxu ażil fir-rigward tal-aċċess għal edukazzjoni adegwata.

## 4.4 Saħħa

Ftit Stati Membri għandhom dejta relevanti dwar ilmenti uffiċjali jew mhux uffiċjali dwar diskriminazzjoni razzjali/etnika fil-qasam tas-saħħa, u anke f'dawk, ġew irreġistrati ftit wisq ilmenti. Il-kwistjoni ewlenija hija d-diskriminazzjoni indiretta aktar milli d-diskriminazzjoni diretta, minħabba li l-persunal mediku li japplika kodiċi u dmirijiet professjonali huwa inqas probabbli li jiddiskrimina jew jiċħad b'mod apert kura tas-saħħa, filwaqt li huwa iktar probabbli li l-amministrazzjonijiet jinsistu fuq aderenza stretta ma' proċeduri formali kkumplikati li jistgħu jfixklu l-aċċess għall-kura tas-saħħa.

Problemi ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa jaffettwaw b'mod partikolari ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti illegali, dawk li l-ażil tagħhom ġie rrifjutat, u membri tal-komunitajiet tar-Roma. Ir-Roma jiffaċċjaw ir-riskju li jkunu esklużi mill-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika jekk ikunu bla xogħol għal perjodu twil, bħal fil-Bulgarija u r-Rumanija, jew, jekk ma jkollhomx il-karti tal-identifikazzjoni meħtieġa, bħal fir-Rumanija u fis-Slovenja. F'ħafna każijiet, ir-Roma għandhom ukoll problemi dwar l-aċċess għall-kura tas-saħħa meta jgħixu f'żoni rurali iżolati, bħal fil-każ tal-Greċja, Spanja u l-Ungerija jew f'kampijiet fl-inħawi ta' barra mill-ibliet b'faċilitajiet limitati jekk mhux ineżistenti ta' trasport pubbliku, bħal fil-Greċja, Spanja, l-Italja u l-Ungerija.

Immigranti residenti illegali u dawk li l-ażil tagħhom ġie rrifjutat, ta' sikwit ikollhom aċċess biss għal kura tas-saħħa ta' emerġenza, iddefinita b'modi differenti madwar l-UE. Ta' sikwit huma ma jkunux lesti jfittxu assistenza medika għax jibżgħu li jistgħu jiġu rrapportati lill-pulizija u konsegwentament jiġu ddeportati.

Madankollu, immigranti residenti legalment jistgħu jiġu skoraġġuti wkoll minn ostakli kulturali, bħal-lingwa jew reliġjon, milli jużaw servizzi tas-saħħa. Per eżempju, jista' jkun li nisa Musulmani ma jkunux jixtiequ jippermettu eżami fiżiku minn persunal mediku ta' sess maskili; jista' jkun li l-ikel tal-isptar ma jaqdix ir-rekwiżiti reliġjużi Musulmani, eċċ.

Numru ta' rapporti transnazzjonali maġġuri, ipprovdew aktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-immigranti, ta' dawk li jfittxu l-ażil u ta' minoritajiet fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-UE, per eżempju: l-identifikazzjoni ta' ostakli legali u prattiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-immigranti irregolari meta jippruvaw jaċċessaw il-kura tas-saħħa; il-wiri ta' kif l-immigrazzjoni tista' tirriżulta f'vulnerabbiltà għal problemi fiżiċi, mentali u soċjali; id-dokumentazzjoni ta' diskriminazzjoni kontra r-Roma fil-kura tas-saħħa u l-osservazzjoni ta' nuqqas ta' għarfien dwar id-drittijiet, jew każijiet ta' rifjut ta' trattament għal immigranti irregolari. Rapporti oħra enfasizzaw nuqqas ta' għarfien dwar il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fost il-professjonisti tas-saħħa, il-persunal amministrattiv, u l-pazjenti, u nnutaw l-insuffiċjenza ta' dejta miġbura sistematikament f'dan il-qasam.

Kienu nnotati inizjattivi pożittivi biex itejbu s-sitwazzjoni fir-rigward tal-inugwaljanzi fil-kura tas-saħħa għall-immigranti u l-minoritajiet kemm min-naħa tal-gvern kif ukoll min-naħa tas-soċjetà ċivili, b'xi politiki importanti implimentati mill-Istati Membri fl-UE kollha.

# 5. Konklużjonijiet

## 5.1 Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali

Wieħed mill-kompiti tal-FRA huwa dak li tiġbor informazzjoni dwar kif id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali qiegħda tkun fil-fatt applikata fid-diversi Stati Membri, u kif il-korpi speċjalizzati joperaw fil-prattika. L-ewwel osservazzjoni hija dik li sal-aħħar tal-perjodu tar-rappurtar, tliet Stati Membri kien għad ma kellhomx korp speċjalizzat fis-seħħ, u kważi nofs l-Istati Membri kollha ma applikaw l-ebda sanzjoni f'każijiet ta' diskriminazzjoni razzjali/etnika. Fost dawk li applikaw sanzjonijiet, kien hemm varjazzjoni enormi fil-livelli ta' multi li ngħataw.

L-iskarsezza ta' sanzjonijiet f'ħafna mill-Istati Membri hija problematika għax id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tiddikjara li sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u skoraġġanti għandhom ikunu obbligatorji. Sanzjonijiet effettivi huma importanti biex jiksbu l-fiduċja tal-popolazzjoni vittma u biex jitqajjem għarfien dwar il-leġiżlazzjoni u l-prinċipji tagħha fil-popolazzjoni usa'. Mingħajr sanzjonijiet effettivi, mhuwiex probabbli li partijiet kbar mill-popolazzjoni, kumpaniji u wkoll prattikanti legali jieħdu l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni bis-serjetà u jagħmlu sforz biex jinfurmaw irwieħhom dwar din il-leġislazzjoni.

Huwa minnu li fejn huma ftit il-każijiet li jittellgħu l-qorti, u fejn huma ftit is-sanzjonijiet li jiġu applikati, dan mhux bilfors ifisser li l-problemi mhumiex qegħdin jiġu indirizzati. Per eżempju, f'xi Stati Membri hemm aktar tradizzjoni ta' konsensus fir-relazzjonijiet industrijali, fejn l-imsieħba soċjali u korpi oħrajn jaħdmu flimkien biex jippruvaw isolvu nuqqas ta' ftehim b'medjazzjoni u negozjar, biex ikun hemm probabbiltà akbar li l-każijiet jissolvew qabel ma jaslu għall-fażi ta' każ il-qorti. Per eżempju, fil-każ tal-Olanda, l-Att dwar it-Trattament Ugwali huwa mfassal biex iħeġġeġ is-soluzzjoni ta' tilwim qabel ma tiġi involuta l-qorti. Madankollu, żvantaġġ wieħed ta' dan il-metodu huwa li t-theddida tas-sanzjonijiet titnaqqas, u normalment dawn jidhru bħala kruċjali għat-titjib tal-pożizzjoni ta' negozjar tal-vittmi ta' diskriminazzjoni. Hemm ukoll telf fil-funzjoni edukattiva ta' qawmien tal-għarfien fost il-pubbliku ġenerali u fost min iħaddem li joriġina mit-theddida u mill-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kredibbli u diswassivi.

F'xi każijiet jidher ċar li hemm problemi li huma r-raġuni wara dawn il-figuri baxxi. Per eżempju, fis-Slovenja, l-*Ombudsman għad-Drittijiet tal-Bniedem* irrapporta li l-problema hija dovuta għall-kliem mhux trasparenti u mhux ta' għajnuna tal-leġiżlazzjoni; fil-Portugall, il-problema kienet irrapportata li tirriżulta mill-proċedura bil-mod u kumplessa tal-evalwazzjoni tal-ilmenti.

Fattur ieħor huwa dovut għall-użu tal-liġi kriminali. F'xi Stati Membri, is-sanzjonijiet kriminali li fit-teorija jistgħu jiġu applikati għal każijiet ta' diskriminazzjoni jidhru diswassivi ħafna. Madankollu, meta dan jeżisti fil-kuntest tal-liġi kriminali minflok fil-liġi ċivili, allura dawn is-sanzjonijiet severi mhux probabbli li jiġu applikati fil-prattika. Fi Stati Membri li jużaw il-liġi ċivili fil-ġlieda kontra

d-diskriminazzjoni etnika, il-piż tal-evidenza huwa ferm inqas u s-sanzjonijiet huma aktar probabbli li jimmaterjalizzaw.

F'bosta Stati Membri, is-setgħat li ngħataw lill-korp jew korpi speċjalizzati huma limitati wisq biex jikkontribwixxu sabiex sanzjonijiet effettivi jiġu applikati fil-prattika. Xi korpi la għandhom is-setgħa li joħorġu sanzjonijiet huma nfushom, u lanqas ma jassistu lill-vittmi fi proċeduri li jwasslu għal sanzjonijiet. Anki meta korp speċjalizzat għandu s-setgħa li joħroġ sanzjonijiet, jista' jieħu d-deċiżjoni politika li jevita din l-istrateġija u minflok jikkonċentra fuq il-medjazzjoni, bħal fil-każ ta' Ċipru.

## Il-livell baxx ta' lmenti

L-ewwelnett, ir-rapporti jiddeskrivu livell kemxejn baxx ta' lmenti lill-korpi speċjalizzati u lil NGOs kontra r-razziżmu. Ovvjament, fit-teorija, livell baxx ta' lmenti m'għandux għalfejn jindika li hemm xi ħaġa ħażina - wieħed jista' jargumenta li dan jirrifletti r-realtà ta' livell ġenwinament baxx ta' diskriminazzjoni. Madankollu, it-taqsimiet tal-impjiegi, tal-akkomodazzjoni u tas-saħħa, tar-Rapport Annwali 2008, kif ukoll l-evidenza simili tas-snin preċedenti, juru biċ-ċar l-eżistenza tal-problema ta' diskriminazzjoni etnika fil-manifestazzjonijiet diversi tagħha, li ħafna minnhom ma kinux joħorġu fil-pubbliku mingħajr ir-riżultati ta' riċerka speċifika. Għal ħafna snin, tipi diversi ta' evidenza u riċerka wrew li ħafna mill-vittmi tad-diskriminazzjoni li jistgħu jilmentaw, fil-fatt ma jilmentawx. Mill-istħarriġ irrapportat fil-kapitolu tal-impjiegi irriżulta wkoll li ħafna vittmi li jsofru *inter alia* fastidju razzjali jew sesswali fuq il-post tax-xogħol fis-Slovenja ma rrapportawx l-inċident.

Eżempji varji fit-taqsimiet tal-impjiegi u tas-saħħa tar-Rapport Annwali jagħtu xi indikazzjoni dwar ir-raġunijiet possibbli għan-nuqqas jew għar-riluttanza tal-vittmi ta' diskriminazzjoni li jagħmlu lmenti formali. Xi nies jistgħu ma jkollhomx fiduċja fil-liġi meta tkun tidher dgħajfa; xi vittmi jistgħu jinkwetaw fuq l-ispejjeż finanzjarji tal-każijiet tal-qorti, jew ikollhom beżgħat minħabba spejjeż jew riperkussjonijiet oħrajn; ħaddiema fuq kuntratti ristretti u permessi temporanji tax-xogħol jistgħu jħossuhom wisq vulnerabbli legalment biex iressqu lment. Madankollu, skarsità ta' każijiet tista' tirrifletti affarijiet oħra, bħal nuqqas ta' għarfien mill-popolazzjoni ġenerali dwar il-possibbiltajiet ta' riparazzjoni legali miftuħin għall-vittmi tad-diskriminazzjoni (kif muri fil-kapitolu dwar is-saħħa fir-Rapport Annwali, fejn intervisti ma' pazjenti fil-Greċja wrew li ma kinux jafu kif iressqu lment dwar id-diskriminazzjoni fit-trattament tas-saħħa). Għal xi Stati Membri kien hemm ftit dibattitu pubbliku f'dan il-qasam, u l-ebda evidenza ta' xi kampanji pubbliċi biex titqajjem kuxjenza dwar il-miżuri nazzjonali li kienu istitwiti wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Fil-kapitolu tal-impjiegi kien innutat li fi Stat Membru wieħed, organizzazzjoni ta' trejdjunjin għall-ġestjoni ta' lmenti tieħu deċiżjonijiet apposta biex ma tirriferix każijiet lill-awtorità nazzjonali tal-ugwaljanza. Jidher biċ-ċar li hemm bżonn ta' aktar riċerka immirata hawnhekk, biex jintefa' dawl fuq il-forzi strutturali u soċjali varji li jistabbilixxu

jekk u kif każijiet ta' diskriminazzjoni etnika jkunu rrapportati u ttrattati fis-27 Stat Membru.

Żvilupp riċenti li jipprovdi eċċezzjoni għal din l-istampa ġenerali huwa l-każ ta' Franza, fejn korp uffiċjali ta' kontra d-diskriminazzjoni, il-HALDE, ilu jirċievi sa mill-2006, numru sinifikanti u dejjem jiżdied ta' ilmenti. Il-HALDE żviluppat immaġni pubblika b'saħħitha bl-użu ta' kampanji ta' informazzjoni biex tqajjem għarfien pubbliku dwarha u dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni, u stħarriġ riċenti rrifletta għarfien li qed jiżdied fost il-pubbliku Franċiż dwar il-problema.

## 5.2 Evidenza rigward diskriminazzjoni

Filwaqt li l-kapitolu dwar kwistjonijiet legali fir-Rapport Annwali jipprovdi informazzjoni dwar l-operazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, l-informazzjoni fil-kapitoli sussegwenti fuq l-erba' oqsma tal-ħajja soċjali topera l-ewwelnett fuq il-ħtieġa oriġinali għad-direttiva, billi tipprovdi eżempji u każijiet ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta fl-oqsma tal-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa. F'dawn l-oqsma kollha, it-tipi ta' deduzzjonijiet dwar il-livell u l-forma ta' diskriminazzjoni li jistgħu jsiru minn statistiċi uffiċjali u każijiet tal-qorti biss huma kemxejn inċerti, u hemm bżonn li jiġu kkumplementati mir-riżultati ta' riċerka u investigazzjoni. Bħar-Rapporti Annwali tal-EUMC preċedenti, eżempji tar-riċerka fil-kapitolu dwar l-impjiegi huma raggruppati fi tliet kategoriji: ittestjar tad-diskriminazzjoni, studji dwar il-vittmi u riċerka fuq il-popolazzjoni maġġoritarja.

Eżempji ta' ttestjar tad-diskriminazzjoni, li jidentifikaw l-operazzjoni ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-impjiegi, kienu rrapportati dejjem iżjed kull sena. Fil-qasam tal-impjiegi, il-metodu kien irrapportat f'bosta Stati Membri (bi proġett maġġuri tal-ittestjar tal-impjiegi li twettaq fl-2007 għall-ewwel darba fil-Greċja). Il-metodu kien irrapportat ukoll fi tliet Stati Membri fl-2007 għall-ittestjar tal-aċċess għall-akkomodazzjoni, u fi Franza kien hemm każ ta' ittestjar irrapportat fl-aċċess għall-kura tas-saħħa.

Matul dawn l-aħħar snin, rapporti tal-FRA/EUMC preċedenti innutaw numru dejjem jikber ta' studji ta' esperjenzi suġġettivi ta' diskriminazzjoni ta' minoritajiet, jew 'studji tal-vittmi'. F'dan il-perjodu tar-rappurtar tal-aħħar kien hemm aktar studji minn qatt qabel, b'eżempji ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni ta' nies fl-impjieg irrapportati fi 11-il Stat Membru, bi studju ieħor isir fi Stat Membru wieħed biex jeżamina l-impatt tal-atti u l-korpi tat-trattament ugwali nazzjonali, irrapportati fil-kapitolu dwar il-kwistjonijiet legali. Barra minn hekk, għall-ewwel darba, fil-qasam il-ġdid tal-kura tas-saħħa, kien hemm tliet servejs li rrapportaw dwar ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni li l-persunal tas-settur tas-saħħa esperjenza b'mod soġġettiv, li jkopru ħames Stati Membri. Dan it-tip ta' studju huwa meħtieġ biex jenfasizza problemi li inkella jista' jkun li ma joħorġux fil-beraħ, minħabba r-riluttanza diġà murija tal-vittmi li jressqu ilmenti formali.

Studji tal-popolazzjoni maġġoritarja f'dan il-qasam huma ġeneralment inqas komuni. Wieħed jista' jaħseb li dawn l-istudji jkunu ta' użu limitat biex jinkixfu problemi, minħabba li min iħaddem mhuwiex mistenni li jammetti malajr ma' riċerkatur l-attitudnijiet razzjali jew il-prattiċi illegali tiegħu jew tagħha. Madankollu, il-kapitolu dwar l-impjiegi jinnota servejs fuq min iħaddem fi tliet Stati Membri fejn il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu żvelaw li jirrifjutaw li jimpjegaw immigranti jew Roma.

Mill-ġdid din is-sena, l-evidenza turi li fl-erba' oqsma tal-ħajja soċjali – l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u s-saħħa - huma r-Roma u dawk li jkunu qegħdin ifittxu ażil li jsofru l-agħar eċċessi ta' trattament diskriminatorju. Barra minn hekk, kif innotaw Rapporti Annwali preċedenti, ħaddiema immigranti li huma marbutin legalment, u għalhekk għandhom nuqqas ta' sigurtà, jesperjenzaw kundizzjonijiet tax-xogħol agħar mill-maġġoranza tal-ħaddiema, u għandhom inqas opportunità biex jiddefendu ruħhom jew li jilmentaw dwar l-isfruttament li jkun qed isir minnhom fuq il-post tax-xogħol. Minn banda, dawn il-ħaddiema mhumiex esklużi mill-impjieg – minflok huma *inklużi* b'mod sporporzjonat fix-xogħlijiet l-inqas mixtieqa. Din it-tip ta' esklużjoni li jsofru minnha l-immigranti irregolari u dawk li jkunu qegħdin ifittxu ażil hija deskritta fil-kapitoli dwar l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Dawk li jkunu qegħdin ifittxu ażil spiss jinżammu f'kampijiet tad-detenzjoni 'l bogħod minn faċilitajiet edukattivi, u t-tfal ta' immigranti irregolari jistgħu jkunu skoraġġuti milli jmorru l-iskola meta l-awtoritajiet ikollhom bżonn jirreġistraw u jirrapportaw l-istejtus legali tagħhom. L-istess raġuni spiss iżżomm lill-immigranti illegali 'l bogħod minn faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jekk huma jaħsbu li jistgħu jiġu rrapportati lill-pulizija u ddeportati.

## Kontra d-diskriminazzjoni b'azzjoni pożittiva

Id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza jippermettu b'mod espliċitu li jkunu introdotti miżuri speċifiċi ta' kumpens, bħal azzjoni pożittiva. Filwaqt li miżuri ta' azzjoni pożittiva bħala oppożizzjoni għall-effetti ta' diskriminazzjoni mhumiex tant komuni madwar l-UE, ġeneralment ikun hemm xi ftit eżempji ġodda rrapportati kull sena. B'kontinwazzjoni tal-eżempju tal-belt ta' Berlin, deskritt fir-rapport tal-FRA tas-sena l-oħra[6], fejn ġiet introdotta azzjoni pożittiva għar-reklutaġġ ta' minoritajiet fil-forza tal-pulizija ta' Berlin, kien hemm eżempji simili rrapportati fl-2007, fejn ir-Rumanija, il-Bulgarija u r-Repubblika Ċeka kollha wżaw approċċ ta' azzjoni pożittiva bil-għan li jirreklutaw membri ta' gruppi ta' minoritajiet fil-forza tal-pulizija tagħhom, u bi Franza tagħmel xi ħaġa simili għar-reklutaġġ fil-forzi armati.

Fl-2007 kien hemm żviluppi fil-livell tal-UE li żiedu mad-dibattitu fuq azzjoni pożittiva: il-konferenza Ewropea 'Opportunitajiet Indaqs għal kulħadd: Liema rwol għal azzjoni pożittiva?' li saret f'Ruma f'April 2007, u l-pubblikazzjoni Ewropea *Beyond Formal Equality: Positive Action under Directives 2000/43/EC and 2000/78/EC'* (Lil Hinn minn Ugwaljanza Formali: Azzjoni Pożittiva skont id-

6 FRA (2007) *Rapport dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-Istati Membri tal-UE*, p. 67.

Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE), ippubblikata fl-2007[7]. It-tnejn ikkonkludew li l-aġenda tal-ugwaljanza tal-UE teħtieġ azzjoni pożittiva. Azzjoni pożittiva għandha l-għan li tikkumpensa għal diskriminazzjoni preżenti u tal-passat, u tagħti iktar saħħa lir-rwol tal-liġijiet u lill-ilmenti, li minnhom infushom mhumiex biżżejjed biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni u l-effetti tagħha. Fir-rigward tal-aċċess għall-akkomodazzjoni, id-deċiżjoni tal-Kumitat Ewropew għad-Drittijiet Soċjali[8], irrapportata fil-kapitolu dwar l-akkomodazzjoni fir-Rapport Annwali tal-2008, hija sinifikanti fis-sens li, fil-kuntest ta' snin ta' trattament inugwali tar-Roma fil-Bulgarija fir-rigward tad-drittijiet tal-akkomodazzjoni tagħhom, il-kumitat ikkonkluda li miżuri ta' azzjoni pożittiva kienu meħtieġa għall-integrazzjoni tar-Roma fis-soċjetà ewlenija.

Madankollu, il-prattika ta' azzjoni pożittiva tibqa' waħda kontroversjali minħabba żewġ raġunijiet ewlenin: l-ewwelnett, għax kultant f'moħħ il-pubbliku tiġi konfuża ma' diskriminazzjoni pożittiva, kwoti, jew strumenti oħra li xi wħud iqisiuhom bħala soċjalment inġusti, u t-tieninett, hija kontroversjali għax rekwiżit minimu ta' azzjoni pożittiva effettiva huwa li jkun hemm dejta preċiża fuq il-popolazzjonijiet minoritarji kkonċernati. Din hija meħtieġa sabiex ikun jista' jsir ġudizzju fuq il-bżonn inizjali għall-politika, u daqstant importanti, biex wieħed ikun jista' jinduna li l-problema ssolviet, biex il-miżura ta' azzjoni pożittiva tkun tista' tittwaqqaf. Madankollu, kif innota r-Rapport Annwali tal-2008 u oħrajn, hemm varjazzjoni wiesgħa bejn l-Istati Membri fuq il-prinċipju ta' 'statistiċi etniċi': f'xi pajjiżi dawn jiffurmaw parti miċ-ċensiment uffiċjali u jintużaw b'mod wiesgħa, f'oħrajn jinsabu f'oppożizzjoni soda għan-normi nazzjonali, u f'oħrajn mhumiex permessi mil-liġijiet nazzjonali. Jidher li hemm bżonn ta' aktar esplorazzjoni tal-punt ta' kemm l-inabilità li jiġu prodotti statistiċi preċiżi tal-popolazzjonijiet relevanti ġewwa Stat Membru taġixxi bħala barriera għall-adozzjoni ta' azzjoni pożittiva, jew jekk timmodifikax il-forma jew ir-riżultat ta' tali miżuri f'dak il-pajjiż.

Qasam akbar ta' kontroversja mqajjem mir-Rapport Annwali 2008 huwa miżura li tmur lil hinn minn azzjoni pożittiva. Fil-kapitolu dwar l-akkomodazzjoni, kien irrapportat li f'mill-inqas belt Ġermaniża waħda, barranin u immigranti etniċi Ġermaniżi huma soġġetti uffiċjalment għal kwoti fissi f'ċerti distretti tal-belt, biex jinżammu żoni ta' akkomodazzjoni soċjalment ibbilanċjati. Il-miżura tista' tidher bħala waħda li hija kuntrarja għal ċerti prinċipji bażiċi ta' azzjoni pożittiva - per eżempju, tiddependi fuq kwoti fissi, u preżumibilment mhijiex 'miżura speċjali temporanja', iżda ddum fis-seħħ għal bosta snin. Din il-politika kienet fil-fatt aktar kontroversjali, bil-kritiċi jiddikjaraw li l-kwoti nfushom jikkostitwixxu diskriminazzjoni diretta kontra l-membri ta' gruppi minoritarji. Min-naħa l-oħra, sostenituri ta' din il-politka jargumentaw li r-riżultat jiġġustifika l-mezzi, li hija parti minn inizjattiva fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni kontra l-minoritajiet, u li tipproduċi bilanċ aktar ġust tal-komunitajiet residenzjali milli kieku d-distribuzz-

7 M. De Vos, *European Commission Brussels (2007) Beyond Formal Equality: Positive Action under Directives 2000/43/EC and 2000/78/EC*, disponibbli minn http://ec.europa.eu/employment_social/fundamental_rights/pdf/legnet/bfe07_en.pdf.

8 L-ilment Nru. 31/2005, Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Roma vs. il-Bulgarija (FRA – Rapport Annwali 2008 – 4.2.3).

joni titħalla għall-forzi tas-suq. Jidher ċar li hemm bżonn li politiki bħal dawn ikunu esposti għal livell usa' ta' skrutinju akkademiku u ta' dibattitu pubbliku.

## 5.3 Differenzi fl-Istati Membri

Il-kwistjoni tal-'istatistiċi etniċi' mhijiex l-unika waħda li tenfasizza l-kuntrasti ċari fil-metodi tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati ma' immigranti. Rapporti Annwali preċedenti koprew id-dibattitu dwar jekk ilbies reliġjuż jistax jintlibes minn studenti fl-iskejjel jew minn impjegati fis-setturi varji tax-xogħol, u wrew biċ-ċar li madwar l-UE hemm varjazzjoni estremament wiesgħa fl-aċċettazzjoni u fil-prattika dwar dan is-suġġett. Id-differenzi huma wkoll evidenti fl-istess Stat Membru wieħed: bejn Stati Federali fil-Ġermanja, per eżempju, jew bejn iż-żewġ komunitajiet lingwistiċi ewlenin fil-Belġju. Hemm aktar differenzi fid-dettall. Il-kapitolu dwar il-kwistjonijiet legali tar-Rapport Annwali tal-2008 jinnota li fi Franza, sentenza legali fl-2007 għamlitha ċara li l-prinċipju tas-sekulariżmu, bħala ġustifikazzjoni, per eżempju, għall-projbizzjoni li tintlibes xalla mar-ras, japplika biss għall-awtoritajiet pubbliċi u ma jistax jintuża minn kumpanija privata fl-għoti ta' servizzi. B'mod konformi ma' dan, fi Franza (u l-Ġermanja) hemm każijiet li jikkonfermaw li t-tkeċċija ta' impjegat għax kien liebes xalla mar-ras hija kontra l-liġi[9]. Madankollu, kif intqal fir-Rapport Annwali tal-EUMC, il-Qorti Suprema fid-Danimarka iddeċidiet li t-tkeċċija ta' impjegata ta' supermarkit talli kienet liebsa xalla mar-ras ma kinitx tikkostitwixxi diskriminazzjoni[10].

Normalment dan id-dibattitu jiffoka fuq l-ilbies ta' xalel ta' mar-ras minnisa. Il-kapitoli dwar l-edukazzjoni u l-impjiegi tar-Rapport Annwali tal-2008 jiddeskrivu dibattiti jew każijiet ġodda dwar ix-xalel ta' mar-ras jew il-velijiet fil-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Olanda u r-Renju Unit. Madankollu, fl-2007, reġgħet qamet l-istess kwistjoni dwar l-ilbies ta' turbani minn Sikhs maskili fl-Ewropa. Fl-2007, fi Franza, subien Sikh kienu rrapportati li qegħdin jappellaw kontra tkeċċija minn skola għax kienu libsin it-turbani, u kien innotat ukoll li fi Franza mhuwiex permess li jintlibes turban f'teħid ta' ritratti għal-liċenzji tas-sewqan. Fl-istess ħin, kien irrapportat li fl-Irlanda, il-forza nazzjonali tal-pulizija pprojbixxiet l-ilbies ta' turbani bħala parti mill-uniformi tal-pulizija. Madankollu, f'xi Stati Membri oħrajn din mhijiex kwistjoni ta' kontestazzjoni. Fir-Renju Unit, per eżempju, l-ilbies ta' turbani ilu permess bħala parti normali mill-uniformi tal-pulizija u fis-servizzi armati varji, u fl-Iżvezja, kif irrapportat fl-aħħar rapport tal-FRA, il-forza tal-pulizija inkludiet fil-pjan tad-diversità tagħha d-dritt għal uffiċjali tal-pulizija li jilbsu xalla ta' mar-ras, turban jew kippah Lhudi waqt li jkunu qegħdin fuq is-servizz[11]. Il-varjazzjoni wiesgħa fl-opinjoni pubblika dwar din il-kwistjoni bejn l-Istati Membri kienet ikkonfermata fl-2007 bil-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-Ewrobarometru Speċjali tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-perċezzjonijiet tad-diskriminazzjoni. Meta ċ-ċittadini tal-UE ġew iffaċċjati bil-mistoqsija ta' jekk jaqblux

9 N. Nathwani (2007) *Islamic Headscarves and Human Rights: A Critical Analysis of the Relevant Case Law of the European Court of Human Rights Netherlands Quarterly of Human Rights* Vol. 25 Nru. 2, 2007, pp. 221-254.

10 EUMC (2006) *Ir-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-Istati Membri tal-UE*, p. 25.

11 FRA (2007) *Rapport dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fi Stati Membri tal-UE*, p. 74.

ma' din id-dikjarazzjoni 'L-ilbies ta' simboli reliġjużi viżibbli fuq il-post tax-xogħol huwa aċċettabbli', il-livell ta' qbil f'pajjiżi differenti varja minn biss 29 fil-mija (il-Litwanja) sa 79 fil-mija (Malta)[12].

## 5.4 Saħħa u diskriminazzjoni

Din hija l-ewwel sena li l-kura tas-saħħa ġiet inkluża fir-Rapport Annwali. Impressjoni inizjali hija dik li, meta mqabbla mat-tliet oqsma l-oħrajn tal-ħajja soċjali, informazzjoni u dejta dwar diskriminazzjoni etnika fil-kura tas-saħħa jidhru aktar diffiċli li jinstabu, u l-livell ġenerali tal-għarfien dwar kwistjonijiet ta' razziżmu u diskriminazzjoni jidher li huwa anqas. Madankollu, kien hemm każijiet irrapportati f'ħafna Stati Membri ta' immigranti u minoritajiet li jsofru trattament differenti jew agħar, jew li jsofru abbuż minn persunal mediku, kif ukoll l-evidenza minn firxa ta' rapporti akkademiċi jew ta' NGOs dwar il-fatturi diversi li jnaqqsu l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal minoritajiet bħal Roma, għal min ifittex l-ażil u ħaddiema irregolari.

Ir-riċerka tindika li l-immigranti u l-minoritajiet etniċi ta' sikwit isibu problemi fl-aċċess u l-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Anke meta l-aċċess għal dawn is-servizzi jingħata legalment, ħafna drabi, dawn il-gruppi jistgħu ma jużawhomx għax ma jkunux jafu bid-drittijiet tagħhom, jew għax il-proċeduri amministrattivi huma kkumplikati wisq, jew għax joġġezzjonaw għall-mod li jkunu ttrattati minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom, jew minħabba l-barrieri lingwistiċi. Bħala riżultat, huma għandhom ir-riskju li jirċevu servizz inadegwat fid-dijanjożi, fil-kura u l-prevenzjoni medika.

Filwaqt li kien hemm ħafna każijiet irrapportati ta' inizjattivi pożittivi għat-titjib u l-estensjoni tal-kura tas-saħħa lil immigranti u minoritajiet, kien aktar diffiċli li jinstabu wħud b'elementi immirati speċifikament biex jindirizzaw u jiġġieldu d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, kien hemm biss ftit rapporti li jkopru l-problema tar-razziżmu jew id-diskriminazzjoni esperjenzata mill-persunal ta' minorità impjegat fis-settur tas-saħħa, madankollu kull wieħed minn dawn il-ftit rapporti żvela problema serja. Jidher li probabbli, din il-problema hija aktar mifruxa milli jaħsbu n-nies. Ir-riċerka tat ħarsa ġenerali tar-raġunijiet għaliex il-persunal tal-kura tas-saħħa joqgħod lura milli jilmenta individwalment. Għalhekk, jekk il-problema ma toħroġx permezz tal-ilmenti, tkun teħtieġ li tiġi żvelata bir-riċerka, biex organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jiġu mħeġġa jintroduċu politiki biex jiġġilduha. Jidher ċar li mhuwiex aċċettabbli li gruppi individwali ta' persunal jitħalla jiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ fuq x'għandha tkun l-aħjar risposta għal, per eżempju, pazjent razzist li jabbuża jew jirrifjuta li tieħu ħsiebu infermiera ta' minorità etnika.

12 *Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea* Il-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru, 2007, p. 15, http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_263_sum_en.pdf (15.05.2008).

## 5.5 Eżempji ta' tendenzi u żviluppi

Jeżistu relattivament ftit opportunitajiet biex isiru ġeneralizzazzjonijiet affidabbli dwar tendenzi fuq bosta snin fi kwistjonijiet relevanti għar-razziżmu u l-ksenofobija fl-UE, minħabba d-dgħjufijiet ġenerali fl-istatistiċi għal dan l-iskop. Għalhekk ħafna mill-osservazzjonijiet dwar żviluppi fuq tul ta' żmien huma inevitabbilment aktarx impressjonistiċi, u għandhom it-tendenza li jkunu kwalitattivi aktar milli statistiċi. Eċċezzjoni għal din id-dikjarazzjoni tista' tinstab fil-kapitolu dwar il-vjolenza u r-reati razzjali, li jidentifika 11-il Stat Membru li jiġbru dejta adegwata biex jipprovdu analiżi tat-tendenzi. Minn dawn, nistgħu ngħidu li maġġoranza, tmienja, irreġistraw tendenza 'l fuq fir-reati razzjali rreġistrati matul il-perjodu 2000-2006. Bl-istess mod, minn erba' Stati Membri li jiġbru informazzjoni biżżejjed dwar ir-reati anti-Semitiċi nistgħu ngħidu li tlieta esperjenzaw tendenza ġenerali 'l fuq bejn l-2001-2006, mill-erba' Stati Membri li jiġbru dejta biżżejjed dwar reati għal raġunijiet ta' faxxiżmu estremist, tnejn esperjenzaw xejra ġenerali 'l fuq bejn l-2000-2006. Fuq skala iżgħar, kif muri fil-kapitolu dwar l-edukazzjoni tar-Rapport Annwali tal-2008, Stat Federali Ġermaniż wieħed, Brandenburg, li jiġbor inċidenti bi sfond faxxist estremist fl-iskejjel tiegħu, irnexxielu jidentifika tnaqqis kostanti f'dawn l-inċidenti rreġistrati minn meta bdiet ir-reġistrazzjoni ta' dawn ir-reati fis-sena skolastika 2000/2001. Il-kapitolu dwar il-vjolenza razzjali jipprovdi wkoll eżempji ta' xi ġudizzji aktar kwalitattivi - per eżempju, jidher li tul l-aħħar ftit snin, diversi Stati Membri saru aktar pożittivi huma u jagħtu attenzjoni meħtieġa għal reati razzjali, fir-risposti għal reati ta' mibegħda, u fl-introduzzjoni ta' miżuri li jħeġġu r-reklutaġġ ta' minoritajiet fil-karigi tal-pulizija.

Tendenza ta' 'prattika tajba' oħra tista' tkun innotata fil-qasam tal-impjiegi. Minn meta l-ewwel studji tal-każijiet ta' prattika tajba bdew jiġu rrapportati lill-EUMC, wara l-ħolqien tan-netwerk ta' RAXEN fl-2000/2001, kien hemm evidentement aktar politiki rrapportati kull sena li jaqgħu taħt l-intestatura ta' 'politika tad-diversità' jew 'ġestjoni tad-diversità' kemm f'organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku kif ukoll f'dawk privati. Kien hemm ukoll żieda sinjifikanti kull sena f'dawk li jistgħu jissejħu 'miżuri ta' inkoraġġiment' għall-ġestjoni tad-diversità, organizzati mill-awtoritajiet tal-gvern, minn min iħaddem, minn NGOs, jew minn kombinazzjonijiet ta' dawn, l-organizzazzjoni ta' kampanji u ta' korsijiet ta' taħriġ u l-għoti ta' pariri u inċentivi għall-organizzazzjonijiet biex jadottaw politiki tad-diversità. (Eżempji magħżulin biss ta' dawn it-tnejn setgħu jiġu stampati fir-Rapporti Annwali tal-Aġenzija f'sena waħda - wieħed jista' jara aktar fl-InfoBase tal-FRA[13]). Jidher ukoll li għall-ewwel darba, politiki tad-diversità qegħdin jilħqu sewwa firxa aktar wiesgħa tal-Istati Membri. Fl-2005, il-Kummissjoni Ewropea ippubblikat ir-riżultati ta' stħarriġ ewlieni dwar il-prattiċi tal-ġestjoni tad-diversità fil-25 pajjiż ta' dakinhar tal-UE[14], u waħda mill-konklużjonijiet kienet li f'dak iż-żmien kien hemm ftit (jew l-ebda) evidenza li l-ġestjoni tad-diversità kienet tinsab fil-pajjiżi tal-Ewropa tan-nofsinhar, u f'dawk l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004. Din il-konklużjoni issa tista' tkun teħtieġ li tiġi immodifikata, peress li fl-aħħar rapport tal-FRA, kie-

13 http://infobase.fra.europa.eu (28.01.2008).

14 Il-Kummissjoni Ewropea (2005) *The Business Case for Diversity: Good Practices in the Workplace* Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

net innotata attività tal-ġestjoni tad-diversità fl-Italja[15], u fl-2007, kif juri l-kapitolu dwar l-impjiegi tar-rapport attwali, evidenza dwar attivitajiet tal-ġestjoni tad-diversità setgħet tinsab f'Ċipru, Malta, il-Portugall u fir-Rumanija.

## 5.6 Ġbir ta' dejta u riċerka mill-FRA

Dejta u informazzjoni miġbura mill-FRA tikkumplementa dejta miġbura minn postijiet oħrajn. Jistgħu jinġabru minn dawk li jagħmlu l-politika u minn awtoritajiet legali, u jistgħu jkunu bżonnjużi wkoll fl-identifikazzjoni ta' oqsma fejn hemm bżonn li tinbeda riċerka ġdida.

### Kumplementazzjoni ta' dejta legali

Id-dejta u l-informazzjoni soċjolegali miġbura mill-FRA f'dan il-qasam jikkumplementaw il-materjal aktar formali miġbur minn korpi oħra. Eżempju relevanti hawnhekk huwa l-Indiċi tal-Politika dwar l-Integrazzjoni tal-Immigranti (MIPEX), maħluq fl-2007, li jintuża biex ikejjel il-politiki għall-integrazzjoni tal-immigranti f'25 Stat Membru tal-UE (biż-żieda ta' tliet pajjiżi mhux tal-UE), bl-użu ta' aktar minn 100 indikatur tal-politika[16]. L-indiċi jqabbel il-prestazzjoni tal-Istati Membri fuq numru ta' dimensjonijiet relevanti għall-integrazzjoni tal-immigranti. Wieħed minn dawn il-paraguni huwa fil-prestazzjoni tal-Istati Membri skont il-medda ta' sanzjonijiet disponibbli fl-infurzar ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, u f'din l-evalwazzjoni, per eżempju, il-Greċja, il-Polonja u l-Portugall huma kklassifikati l-ogħla f'termini tal-'aħjar prattika'. Il-problema hawnhekk hija li din l-evalwazzjoni hija bbażata fuq kunsiderazzjoni ta' liema sanzjonijiet huma disponibbli fit-teorija, iżda din jista' jkollha ftit relazzjoni mal-prattika attwali. B'kuntrast sħiħ għall-klassifika tal-MIPEX, fl-evalwazzjoni tal-FRA stess tal-Istati Membri tal-UE, il-Greċja, il-Polonja u l-Portugall huma kklassifikati fil-baxx f'termini ta' prestazzjoni, għaliex fil-verità ma applikaw l-ebda sanzjoni matul il-perjodu tar-rappurtar (ara t-taqsima 2.1.1. tar-Rapport Annwali tal-2008), u l-Polonja u l-Portugall ukoll huma kklassifikati li għandhom korpi ta' ugwaljanza ineffettivi (taqsima 2.1.3.). Għalhekk id-dejta soċjolegali miġbura mill-FRA tista' tkun utli biex tenfasizza d-differenzi li kultant jeżistu bejn l-arranġamenti legali fit-teorija u r-realità soċjali fil-prattika.

### Notifika tad-deċiżjonijiet tal-qorti

Valur prattiku ieħor tal-istatistiċi u l-informazzjoni pprovduti mill-FRA huwa li dawn huma disponibbli għar-riferiment għal deċiżjonijet legali. Illustrazzjoni ta' dan qiegħda ssir referenza għaliha fir-Rapport Annwali tal-2008, jiġifieri fil-każ tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Umani li fl-2007 qatgħet sentenza kontra r-Repubblika Ċeka, u biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, irreferiet għal informazzjoni miġbura mill-EUMC, il-predeċessur tal-FRA, fuq is-sitwazzjoni edukattiva tar-Roma.

15 FRA (2007) *Rapport dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-Istati Membri tal-UE*, pp. 71-72.
16 http://www.integrationindex.eu/ (09.04.2008).

## Riċerka ewlenija mill-FRA

Riżultat wieħed tal-ġbir ta' dejta u informazzjoni tal-FRA/EUMC madwar l-UE fuq diversi snin huwa l-enfasi tal-kważi impossibbiltà li tinsab dejta sekondarja f'dan il-qasam li tkun tippermetti paragun li jagħmel sens bejn l-Istati Membri. Per eżempju, fil-qasam tar-reati razzisti, kif jiċċara l-kapitolu tlieta fir-Rapport Annwali tal-2008, statistiċi fuq reati razzisti jistgħu jitqabblu maż-żmien ġewwa Stat Membru wieħed, iżda mhux *bejn* l-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, il-FRA issa bdiet tfassal u twettaq ir-riċerka tagħha stess, li hija ddisinjata bil-paragonabbiltà mibnija fil-metodoloġija, u timmira li tipproduċi dejta dwar oqsma importanti problematiċi li jistgħu jitqabblu direttament bejn l-Istati Membri. Waħda minn tal-ewwel minn dawn qiegħda ssir fl-2008: 'stħarriġ tal-vittmi' tal-esperjenzi ta' diskriminazzjoni u reati razzjali u problemi mal-pulizija għal raġunijiet razzisti ta' immigranti u minoritajiet fis-27 Stat Membru kollha tal-UE. Ir-riżultati minn din ir-riċerka u minn riċerka simili oħra mill-Aġenzija sejrin jiġu deskritti f'Rapporti Annwali futuri tal-FRA.

# 6. Opinjonijiet

## 6.1 Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali

Sanzjonijiet effettivi u diswassivi huma kruċjali fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika u razzjali. Mingħajr dawn, attitudnijiet diskriminatorji u tendenzi ta' mġiba mhumiex probabbli li jinbidlu u l-vittmi jibqgħu mingħajr difiża. Barra minn hekk, il-kumpensi jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' sanzjonijiet biex isaħħu l-pożizzjoni ta' negozjar tal-vittmi. Ma nstabet l-ebda sanzjoni u/jew għotja relatata ma' każijiet ta' diskriminazzjoni etnika jew razzjali fi 12-il Stat Membru matul l-2006-2007. F'xi każijiet, in-nuqqas ta' sanzjonijiet jikkoinċidi man-nuqqas ta' korp effettiv tal-ugwaljanza. Din l-osservazzjoni tenfasizza l-importanza u r-rwol ċentrali tal-korpi tal-ugwaljanza.

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza għandhom ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-funzjoni importanti tagħhom. Jeħtieġu jingħataw indipendenza biżżejjed biex jistiednu l-fiduċja mill-vittmi.

Raġuni oħra għan-nuqqas ta' sanzjonijiet hija dovuta għar-rwol tal-korpi tal-ugwaljanza. Is-sanzjonijiet huma assenti jew rari f'pajjiżi fejn il-korpi tal-ugwaljanza ma jappoġġjawx lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fi proċeduri li jwasslu għal sanzjonijiet, jew m'għandhomx is-setgħa li joħorġu s-sanzjonijiet huma stess jew għal xi raġuni ma jużawx din is-setgħa.

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza għandhom is-setgħa li jassistu lill-vittmi fi proċeduri li jwasslu għal sanzjonijiet. Il-korpi tal-ugwaljanza għandu jkollhom il-kapaċità li jiffunzjonaw kemm bħala punti ta' aċċess fuq livelli baxxi għall-vittmi kif ukoll bħala korpi li jappoġġjaw lill-vittmi biex jiksbu riżarċiment ta' veru u kumpens sħiħ.

F'xi pajjiżi, l-iskarsezza relattiva tas-sanzjonijiet għandha raġunijiet strutturali relatati mar-rwol tal-liġi kriminali fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika. Simbolikament, il-liġi kriminali żgur li hija l-aktar strument importanti li kull stat jista' juża fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika. Madankollu, fil-prattika, il-liġi kriminali għandha l-iżvantaġġi tagħha: it-trasferiment tal-piż tal-evidenza stipulat mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali ma japplikax u l-vittma tad-diskriminazzjoni ta' sikwit għandha kontroll limitat fuq il-proċedura kriminali, li normalment taqa' f'idejn is-servizzi tal-prosekuzzjoni.

- L-Istati Membri li jiddependu l-aktar u esklussivament fuq il-liġi kriminali għandhom joħolqu proċeduri ċivili u amministrattivi kumplementari għall-vittmi ta' diskriminazzjoni etnika jew razzjali biex jiksbu riżarċiment ta' veru u kumpens sħiħ.

## 6.2 Vjolenza u reati razzisti

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu li l-ġbir ta' dejta dwar reati razzisti huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' politiki ibbażati fuq l-evidenza li jistgħu jindirizzaw u jipprevjenu l-problema, u min-naħa l-oħra jistgħu jindikaw jekk il-leġiżlazzjoni fuq ir-reati razzisti hijiex immirata effettivament fejn l-aktar hemm bżonnha.

- Meta l-Istati Membri m'għandhomx dejta jew għandhom biss ġbir limitat ta' dejta dwar reati razzisti, għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi komprensivi għall-ġbir ta' dejta li jħeġġu r-rappurtar pubbliku u r-reġistrazzjoni preċiża. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jitgħallmu minn dawk l-Istati Membri li stabbilixxew prattiċi tajbin ta' ġbir ta' dejta.

Bħal f'Rapporti Annwali preċedenti, ġiet innotata l-problema ta' abbużi minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi kontra l-minoritajiet vulnerabbli. Il-fiduċja pubblika fil-pulizija hija fattur importanti fis-soċjetajiet demokratiċi.

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jista' jirrapporta inċidenti ta' abbuż u vjolenza razzjali mill-pulizija lil awtorità indipendenti tal-ilmenti dwar il-pulizija. Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu jiffunzjonaw esternament għall-ministeri u uffiċċji governattivi oħrajn.

## 6.3 Riċerka u qawmien ta' għarfien

Eżempji ġodda fil-perjodu tar-rappurtar ta' esperimenti tal-ittestjar għal diskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjieg, akkomodazzjoni u kura tas-saħħa jikkonfermaw li l-metodu għandu rwol uniku u ta' valur li jġib problemi li ma jidhrux għall-attenzjoni tal-pubbliku.

- L-Istati Membri huma msejħa jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' ttestjar aktar mifrux u sistematiku tad-diskriminazzjoni ('ittestjar tas-sitwazzjoni') sabiex jiffaċilita valutazzjoni aktar ċara tal-kobor u l-mekkaniżmi tad-diskriminazzjoni fil-provvista tal-impjieg, akkomodazzjoni u tas-saħħa, u għall-għoti ta' evidenza li biha dejta uffiċjali tkun issupplimentata.

## 6.4 Sanzjonijiet u lmenti

Bosta kapitoli tar-Rapport Annwali tal-2008 innutaw evidenza li vittmi ta' diskriminazzjoni li jistgħu jkunu mistennija jilmentaw ma jagħmlux dan.

- Għandha ssir riċerka fuq l-operazzjoni u l-impatt tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, sabiex tanalizza l-forzi li jġiegħlu lill-vittmi ta' diskriminazzjoni jilmentaw jew li jisfurzawhom ma jilmentawx, u r-raġunijiet għalfejn is-sanzjonijiet huma applikati jew mhux applikati mill-korpi jew il-qrati speċjalizzati.

## 6.5 Taħriġ kontra d-diskriminazzjoni

Evidenza fiż-żewġ taqsimiet tal-impjieg u tal-kura tas-saħħa tar-Rapport Annwali tissuġġerixxi li hemm bżonn ta' taħriġ kontra d-diskriminazzjoni għall-impjegati fl-organizzazzjonijiet tax-xogħol.

- Il-gvernijiet u min iħaddem għandhom jagħmlu t-taħriġ għal kontra d-diskriminazzjoni u għad-diversità disponibbli lill-impjegati fis-settur pubbliku u privat.

- Min iħaddem fis-settur tas-saħħa għandu jwettaq taħriġ għal kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi regolari lill-fornituri tal-kura tas-saħħa pubblika u privata. Suġġetti ta' taħriġ għal kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu inklużi fil-kurrikuli tal-universitajiet u kulleġġi mediċi.

## 6.6 Akkomodazzjoni

Aċċess għal akkomodazzjoni b'kera baxxa ffinanzjata pubblikament huwa wieħed mill-mezzi l-aktar importanti fit-titjib tal-kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni ġeneralment ħażina li jesperjenzaw l-immigranti, ir-Roma, u minoritajiet etniċi oħrajn.

- L-Istati Membri huma mitluba jżidu l-ammont ta' akkomodazzjoni b'kera baxxa, iffinanzjata pubblikament, biex jiżguraw, u jekk hemm bżonn jinfurzaw, l-applikazzjoni ta' kriterji ekwitabbli fl-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni pubblika bi prezz li jista' jintlaħaq. B'mod partikolari, għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa biex jiżguraw li dawn il-kriterji ma jiddiskriminawx kontra l-immigranti, ir-Roma u minoritajiet etniċi oħrajn.

## 6.7 Edukazzjoni

L-inugwaljanza fl-aċċess għal u l-prestazzjoni fl-edukazzjoni għal immigranti u minoritajiet, meta mqabbla mal-popolazzjoni maġġoritarja, hija partikolarment impressjonanti f'dawk il-pajjiżi fejn hemm stabbilita sistema ta' intraċċar ta' tluq kmieni mill-iskola. Skont il-prestazzjoni ta' PISA 2006, stratifikazzjoni kmieni ta' studenti f'istituzzjonijiet jew programmi separati għandha impatt partikolarment negattiv fuq il-prestazzjoni ta' studenti soċjoekonomikament jew lingwistikament żvantaġġjati.

- L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-adozzjoni ta' sistemi edukattivi aktar integrattivi sabiex inaqqsu l-inugwaljanza fl-edukazzjoni.

- Hemm bżonn li l-aċċess għall-edukazzjoni għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni, inklużi dawk li jfittxu l-ażil u l-immigranti irregolari, ikun stabbilit f'termini legali u prattiċi sodi. Barrieri prattiċi bħal proċeduri diskriminatorji ta' reklutaġġ u ta' ttestjar tal-aċċess, nuqqas ta' disponibbiltà jew nuqqas ta' aċċessibbiltà

għal faċilitajiet ta' qabel l-iskola, jew distanzi twal mhux raġonevoli għall-iskola għandhom jitneħħew.

- Il-forom segregati tal-edukazzjoni għandhom jew jitneħħew kompletament jew jitnaqqsu għal klassijiet preparatorji fuq perjodu qasir li jwasslu għall-integrazzjoni ta' tfal ta' immigranti u ta' minoritajiet f'edukazzjoni regolari. L-Istati Membri għandhom jitgħallmu mis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Umani kontra l-prattika tas-segregazzjoni tat-tfal Roma fi skejjel speċjali.

## 6.8 Ġbir ta' dejta fl-edukazzjoni

Il-ġabra, l-evalwazzjoni u d-diskussjoni pubblika ta' informazzjoni kredibbli hija prerekwiżit indispensabbli għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli u żvantaġġjati fl-edukazzjoni. Dan kien ikkonfermat mill-ġdid mill-istudju tal-prestazzjoni tal-edukazzjoni ta' PISA 2006, li jindika l-assoċjazzjoni pożittiva sinifikanti bejn l-iskejjel li jissorveljaw u jevalwaw is-suċċess edukattiv u jagħmlu d-dejta dwar is-suċċess edukattiv pubblika, u l-istudenti li jmorru aħjar fit-testijiet. F'ħafna Stati Membri jeżistu sistemi inadegwati ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, jew m'hemm xejn.

- L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jinstallaw sistemi li jippermettu l-monitoraġġ ta' immigranti u studenti ta' minorità etnika f'termini ta' suċċess edukattiv.

## 6.9 Ġbir ta' dejta fil-kura tas-saħħa

Hemm bżonn ta' aktar għarfien fl-UE dwar id-dinamiċi tas-saħħa u l-benesseri tal-immigranti u l-minoritajiet etniċi. Għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex jiġbru d-dejta b'mod sistematiku, u jipprovdu l-bażi tal-evidenza li dawk li jagħmlu u dawk li jippjanaw il-politika jistgħu jużaw fid-definizzjoni tal-istrateġiji nazzjonali u madwar l-UE.

- L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw mekkaniżmi għall-ġbir ta' dejta disponibbli għall-pubbliku dwar l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa. Id-dejta dwar l-istejtus tas-saħħa u l-aċċess għal servizzi tas-saħħa għandha tkun separata skont l-etniċità fl-istħarriġ dwar is-saħħa, reġistri u sistemi tal-informazzjoni pubblika u din għandha tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku meta r-regoli nazzjonali tal-kunfidenzjalità statistika jippermettu din is-separazzjoni.

## 6.10 Kura tas-saħħa sensittiva għall-immigranti u l-minoritajiet

Servizzi għall-kura tas-saħħa huma meħtieġa mhux biss biex jirrikonoxxu r-rwol tal-isfond kulturali, soċjali, lingwistiku u tas-saħħa, iżda wkoll ir-rwol tal-ambjenti diffiċli u definiti ħażin li l-immigranti ta' sikwit jgħixu u jaħdmu fihom.

- L-Istati Membri u l-UE għandhom iħeġġu taħriġ kulturalment sensittiv għall-forza tax-xogħol fis-saħħa. Programmi ta' żvilupp u taħriġ tal-persunal fis-sistema tal-kura tas-saħħa għandhom jinkludu komponenti relatati mal-ħtiġijiet speċifiċi tar-Roma fl-istejtus tas-saħħa.

**Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali**

**Rapport Annwali**

**Sinteżi**

**2008**

Disinn u Kompożizzjoni: red hot 'n' cool, Vjenna

2009 – 31 pp. – 21 x 29,7 ċm

ISBN 978-92-9192-255-0

Fuq l-Internet ħafna informazzjoni dwar l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali hija disponibbli. L-aċċess għaliha huwa possibbli mis-sit elettroniku ta' l-FRA (http://fra.europa.eu).

## Kif tista' takkwista l-pubblikazzjonijiet tal-UE

**Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link http://bookshop.europa.eu, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

**Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet.
  Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link http://ec.europa.eu/ jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

TK-AF-08-001-MT-C



FRA - European Union Agency for Fundamental Rights
A-1040 Wien, Schwarzenbergplatz 11
Tel.: +43 1 580 30 - 0
Fax: +43 1 580 30 - 693
E-Mail: information@fra.europa.eu
http://fra.europa.eu

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.europa.eu*

ISBN 978-92-9192-255-0